# L-'Ex Voto', Reliġjon u Storja

F'dan l-artiklu ser inħarsu lejn it-tradizzjoni ferm sabiħa, tradizzjoni li kienet ferm popolari fis-sekli li għaddew, iżda li llum intilfet għal kollox. Qed nirreferi għal dawk il-kwadri li kienu jiġu ddedikati lill-Madonna jew lil xi qaddis ieħor wara li tkun inqagħlet xi grazzja. Dawn il-kwadri jissejħu Ex Voto u kienu jiġu mpittra minn xi artist li kien jiġi kkummissjonat minn persuna jew persuni li jkunu qalgħu xi grazzja. Dawn l-Ex Voto kienu juru x-xena tat-traġedja u anki rakkont qasir ta' dak kollu li jkun ġara, flimkien ma' l-inizjali V.F.G.A. (Votum Fecit Gratiam Accepit) li jfissru li l-grazzja ġiet maqlugħa. Minħabba fin-nuqqas ta' spazju, f'dan l-artiklu ser inħarsu biss lejn Ex-Voto li għandhom x'jaqsmu mal-baħar u lejn xi wħud mis-Santwarji li jinsabu fihom.




Nistgħu ngħidu li din it-tradizzjoni bdiet għall-ħabta tas-seklu sbatax u baqgħet sejra sa kważi nofs dan is-seklu, sakemm bil-mod il-mod intilfet għal kollox. Fil-knejjes tagħna nsibu numru kbir ta' Ex Voto, l-aktar f'santwarji li sa minn dejjem kellhom id-devozzjoni tal-poplu tagħna. Fost dawn insibu l-Oratorju tal-Kurċifiss jew kif inhu magħruf tar-Redentur. Dan l-Oratorju jinsab fil-Bażilika ddedikata lill-Madonna tal-Vitorja u hemmhekk insibu sittax-il Ex Voto li jittrattaw grazzji li seħħew fuq il-baħar. Dawn il-kwadri saru kollha bejn l-1745 u l-1959.

Kappella oħra hija dik tal-Madonna tad-Dawl. Din tinsab qrib ir-raħal ta' Wied il-Għajn, fl-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Bidni.' F'din il-kappella, li ġiet ikkonsagrata fl-1758 insibu erba' u għoxrin Ex Voto li saru bejn l-1727 u l-1782.

Ġewwa l-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena nsibu sbatax-il Ex Voto ta' grazzji li seħħew fuq il-baħar. Dawn ġew impittra bejn l-1745 u l-1939. Din il-kappella nbniet għall-ħabta ta' l-1650 u tinsab qrib ir-raħal tal-Qrendi.

Fost l-aktar Santwarji famużi għal dawn il-kwadri nsibu dak tal-Madonna tal-Grazzja f' Ħaż-Żabbar. Dan is-santwarju nbena fl-1641, iżda maż-żmien kien ġie rranġat darbtejn, l-ewwel darba fl-1696 w imbagħad fl-1738. Hawnhekk insibu wieħed u sebgħin il-Ex voto u ħafna minnhom imorru lura għal żmien il-Kavallieri. Fil-fatt l-eqdem kwadru jmur lura sas-sena 1535. Min-naħa l-oħra l-aktar wieħed riċenti tpitter fl-1959.

Fir-Raħal tal-Mellieħa nsibu santwarju ieħor b'numru kbir ta' Ex voti li juru ġrajjiet li seħħew fuq il-baħar. Dan is-Santwarju huwa ddedikat lill-Madonna u jingħad li nbena fis-seklu ħdax. Fih insibu erbgħa u sittin il-Ex voto li saru kollha bejn l-1685 u

— Jissokta f'paġna 13 —

BGS BAJADA GENERAL STORE
TOOLS & EQUIPMENT FOR HIRE
Scaffoldings
Ladders
Staging
Tresles
Blow Lamps
Site Tools
Mixers
Road Cones
Welding Sets
Extensions
Jiggers
Drillers
Generators
Water Pumps
Air Compressors
Tile Cutters
Angle Grinders
Chasing Machines
Needle Guns
Joe Sciberras Street, Hamrun
☎ 246364 097-1002, 099 - 5419

ICE-CREAM CONFECTIONERY
Mannarinu
We specialize in
Take Away food
Pizza & Cheese
Cakes Daily
Shop:
P.P. Mifsud Str., Hamrun
(Near Church)
Tel: 238172
*Orders Accepted for:*
*Weddings, Baptisms, Staff Parties,*
*Engagements, Confirmations Etc. Etc. ...*
*At moderate prices.*

## L-'Ex Voto', Reliġjon u Storja

—Jissokta minn paġna 11 —

l-1910. Dan is-santwarju kien ġie rrestawrat darbtejn, l-ewwel darba fl-1587 u t-tieni darba ftit tas-snin ilu.

Ġewwa s-santwarju tal-Madonna tal-Ħerba, f'Birkirkara, insibu l-akbar numru ta' kwadri li juru xena ta' grazzji li seħħew fuq il-baħar. Fil-fatt insibu xejn inqas minn mija u sebgħin il-Ex Voto, li saru bejn l-1740 u l-1958. Din il-kappella nbniet fl-1640 u nistgħu ngħidu li sa minn dejjem kienet waħda mill-aktar kappelli devoti ta' pajjiżna. Fil-Knejjes Għawdxin insibu wkoll numru ta' Ex-Voto li juru xeni tal-baħar . Fil-Bażilika ta' Pinu hemm ħames kwadri. Imbagħad insibu Ex-Voto f'kull waħda minn dawn il-knejjes; fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana, fil-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna, fl-Għarb u fl-aħħarnett fil-kappella tal-Madonna tal-Patroċinju fl-Għasri.

Fi gżiritna nsibu aktar santwarji li jħaddnu Ex-voto li jittrattaw ġrajjiet relatati mal-baħar. Huwa mpossibbli li nsemmi s-santwarji, l-knejjes u l-kappelli kollha għax il-lista hija twila mhux ħażin. Barra minnhekk insibu kwadri oħra bħal dawn f'mużewijiet kemm f' Malta kif ukoll f'Għawdex.

Fost l-aktar Ex-Voto nterressanti nsibu l-kwadru li jinsab fil-kappella tar-Redentur, l-Isla u li huwa ddedikat lill-Madonna u lir-Redentur. Hawnhekk ix-xena turi dgħajsa Maltija fil-maltemp, bil-qlugħ imqatta', u bl-arblu miksur, taħt imbagħad hemm skrizzjoni li tgħid *"Voto fatto dall'equipaggio della barca Maltese Conceptione, sorpreso d'un forte orogano, nella rada di Pantelleria li 15.12.1867 - V.F.G.A."*

Ex Voto interessanti ieħor nsibuh fil-kappella tal-Madonna tad-Dawl f'Wied il-Għajn. Dan il-kwadru huwa ddedikat lill-Madonna u jeħodna lura sas-sena 1727. Hawnhekk naraw żewġ Galeri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, b'waħda minnhom jisimha "San Luigi" f'maltempata qalila. Dan il-kwadru jġib id-data 27 ta' Marzu 1727. Taħt hemm skrizzjoni li tgħid " *Il voto dei volontari della galera San Luigi.*"

Kwadru ieħor juri bastiment Malti maqbud f' baħar qawwi. Fuq dan il-kwadru hemm impinġija wkoll Madonna, l-inizjali ta' l-artist "M.G." li probabbli huma ta' Mikiel Gonzi. Taħt hemm miktub *"La pollacha nominata 'Volonta di Diò', com. da padrone Salvatore Grech si trovo' in una tempesta di mare nel Canale di Malta sotto il 5 di dicembre 1792."* Dan il-kwadru jinsab fil-kappella tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi.

Kwadru kemmxejn aktar riċenti jinsab fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Dan juri vapur tal-merkanzija bl-isem "Skijack" qed jiġi milqut minn mina tal-baħar. Ix-xena ġrat fid-19 ta' Awissu 1946 u turi l-vapur qed jegħreq, f'baħar pjuttost kalm. Dan l-Ex-Voto ġie mogħti minn wieħed mill-persuni li kienu abbord il-vapur, Joseph Zarb u huwa ddedikat lill-Madonna. L-iskrizzjoni imbagħad tgħid hekk: *"ġejt salvat mill-għarqa wara li tlabt il-Madonna."* Dan il-kwadru kien impitter minn C. Cauchi.

Illum it-tradizzjoni spiċċat għal kollox, iżda numru kbir ta' kwadri bħal dawn għadhom jeżistu fil-knejjes tagħna. Ħafna minn dawn il-kwadri barra li juru d-devozzjoni li sa minn dejjem il-Maltin kellhom lejn Ommna Marija għandhom ukoll valur artistiku kbir. Nistgħu ngħidu wkoll li dawn l-Ex Voto jiffurmaw parti kemm mill-folklor, kif ukoll mill-arti sagra ta' pajjiżna.

Nagħlaq dan l-artiklu billi mawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

***Ivan Bugeja.***

DALLAS
GIFT SHOP
*Importers of*
CHANDELIERS, FURNITURE, CERAMICS
Qormi Road, Hamrun
Tel. 23 11 33

LEWIS MAGRI & SONS LTD.
TRANSPORT &
CUSTOMS CLEARANCE
INSURANCE AGENTS
TEL: 226106 FAX: 226108
MOBILE: 099 5286
163, VILLAMBROSA STREET,
HAMRUN HMR 10